

MRO. C. CATANIA 1911-1921

PROFIL

# IGNAZIO CATANIA

## L-EWWEL SURMAST TAS-SOĊJETÁ

Ignazio Catania twieled fid-29 ta' Jannar 1860. Il-ġenituri tiegħu kienu Ġiljan u Reġina nee' German. Huwa beda jdoqq il-klarinett mal-Banda San Ġorġ ta' Bormla. Bejn l-1883 u l-1893 idderieġa l-Bnada Mannarinu taż-Żurrieq, u kien jieħu ħsien it-tagħlim tal-mużika lill-alljievi ta' l-istess banda. Huwa kien Ass. Surmast tal-Banda San Ġorġ ta' Bormla u direttur ta' Baned oħra fosthom San Leonardu ta' Ħal Kirkop, Belanċ taż-Żejtun, Unione tal-Birgu, De Puale ta' Raħal Ġdid u Marija Annunzjata ta' Ħal Tarxien.

Is-surmast Catania żżewweġ lil Francesca Camilleri miż-Żurrieq u kellhom 5 ulied li huma Manwel, Karmenu, Marija Conċetta, Francesco u Elena.

Fost il-kompożizzjonijiet li kiteb is-Surmast Catania nsibu dawn:

| | |
|---|---|
| *INNU:* | Vi Salvi il Ciel Magnanimi |
| *MAZURCA:* | San Giorgio a Mare |
| *POLCA:* | La Rosa |
| *VALSERS:* | 8 Dicembre, Spasimenti, Due Ladri. |

Huwa miet fl-4 ta' Awissu 1939 f'Bormla fl-għomor ta' 79 sena.